MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2005

Numru 1047/2003

Il-Pulizija
(Sp Alfred Mallia)
vs
Neville Schembri, iben Frank,
imwieled Pieta' fil-31 ta'
jannar, 1970

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fl-24 ta' diċembru, 2003 għal ħabta ta' nofs in-nhar, f'Marsaskala, dolozament, bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed l-ħajja ta' martu Maria Theresa f'perikolu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, kellu fil-pussess tiegħu jew taħt il-kontroll tiegħu, żamm u\jew ġarr

arma regolari u cioe' sikkina mingħajr l-liċenzja maħruġa f'ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi mingħajr ma darab, hedded b'din l-arma regolari, strument bil-ponta, cioe' sikkina, lil martu Maria Theresa bil-ħsieb li jbeżżagħha u\jew jagħmillha ħsara;

4. talli fl-istess data, lok u ħin volontarjament kiser il-bon ordni u\jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat, ġlied jew mod ieħor.

Il-Qorti ġiet mitluba biex tapplika l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-20 ta' ġunju, 2005 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –

a. fl-artikoli 41(1)(a), 214 u 218 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 214 u 216(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali; u
e. fl-artikoli 383 u 384 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' ottubru, 2005 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fl-24 ta' diċembru, 2003 il-pulizija ġiet infurmata għal ħabta tal-12.00 p.m. li mara marret tiskenn għand ġara tagħha biex taħrab minn żewġha li ried jaggrediha. L-informazzjoni kienet li dan ir-raġel kien qed iġorr sikkina fuqu. Il-pulizija marru fuq il-post f'Marsaskala fejn Marthese Schembri, mart l-imputat, infurmathom li żewġha kien qabadha minn għonqha, ta daqqiet f'wiċċha,

ġiet mheddha u l-imputat ġera warajha b'sikkina. Lina Galea, li hi l-persuna li Marthese Schembri marret għal kenn għandha, qalet li hi ma rat ebda sikkina f'idejn l-imputat. L-imputat stqarr mal-pulizija li hu ma kellhux sikkina f'idejh iżda hu mbuttaha.

Illi fil-Qorti Marthese Schembri rrepetit li l-imputat beda jagħtiha kemm jiflaħ bil-ponn, għamel idejh ma griżmejha biex jgħallaqha u kellha ħafna marki fuq għonqha. Hi stqarret li bdiet tiġbed ix-xagħar ta' żewġha, l-imputat. F'daqqa waħda telaqha u hi u it-tifel ħarġu 'l barra mid-dar liebsin il-kalzetti. Xehdet li ma rat xejn f'idejn ir-raġel u ċaħdet li qalet dan id-diskors lill-pulizija.

Illi d-dettal tas-sikkina ġie konfermat minn PS475 Frank Cassar li kkonferma li Marthese Schembri qalet dan id-diskors.

Illi Lina Galea, il-ġara tal-familja Schembri xehdet li hi rat li t-tifel kellhu d-demm ma wiċċu iżda ma rat ebda ferita fuq il-persuna ta' Marthese Sciberras. L-istess ħaġa xehdet Josette Galea, li hi bint Lina Galea.

Illi ġie eżebit ċertifikat mediku tal-feriti li ġarrbet Marthese Schembri u it-tabib li eżaminha, Dr. Jesmond Cassar, xehed li hi kellha kontuzjoni fil-wiċċ u fir-ras, liema ferita tammonta għal ferita ta' natura ħafifa. Hu ma sab ebda marki fuq l-għonq tas-Sinjura Schembri.

Illi l-imputat offra x-xhieda tiegħu xejn ċaħad li attakka lil martu iżda li hu ddefenda ruħu meta hi bdiet tiġbidlu xagħru. Hu ċaħad li kellhu xi sikkina f'idejn jew li għafsilha għonqha.

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta li hemm kontradizzjoni bejn ix-xhieda. Mhux talli hekk iżda anki Marthese Schembri tat versjoni lill-pulizija u oħra lill-Qorti. Hu kurjuż ħafna bejn iż-żewġ xhieda Galea jgħidu li t-tifel ta' l-imputat kellhu d-demm ħiereġ minn imnieħru iżda Marthese Schembri u l-imputat jikkonfermaw li ma raw ebda demm f'wiċċ it-tifel. Hu ċar li hawn dubju serju ta' min qed igħid il-verita' u 'l għaliex inqala dan il-każ.

Kwalunkwe kumment ieħor hu superflwu fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ. Il-versjoni li offra l-imputat hi l-aktar waħda kredibbli.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu kif dedotti fl-artikoli tal-liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------